MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 574/2006/1

**Joseph Spiteri**

**vs**

**Leonardo *sive* Nardu Schembri**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' April, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-attur li bih ippremetta illi l-konvenut kien ikkagunalu danni fil-propjeta' tieghu, ossia fl-ghalqa denominate "Ta' Xtara", limiti tas-Siggiewi, meta volontarjament fil-31 ta' Lulju, 2004, jew data prossima, ikkawza hsarat f'diversi sigar fl-ghalqa msemmija permezz ta' incendju doluz, liema danni jammontaw ghal erba' mija u tmenin lira Maltin

(Lm480.00), u cioe' ekwivalenti elf, mija u tmintax-il Euro u ghaxar centezmi (€1,118.10), jew somma verjuri bl-imghaxijiet legali mill-prezentata sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi:-

1. Preliminarjament l-attur jichad li kkawza xi hsara f'sigar li jinsabu fl-ghalqa denominata "Ta' Xtara", limiti tas-Siggiewi.

2. Il-pretensjonijiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kien l-attur stess li ta' struzzjonijiet lill-konvenut sabiex inehhi s-sigar li jinsabu fl-ghalqa tal-attur.

3. Illi in forza tal-principju *commodum ex inuria sua nemo habere debet* it-talbiet ta' l-attur huma inattendibbli stante illi l-istess sigar huma mhawwla f'distanza anqas min dik mehtiega skond il-ligi mill-hajt li jaqsam l-ghalqa tal-attur mill-ghalqa tal-konvenut u l-gheruq tal-istess sigar qedghin jikkawzaw danni fl-ghalqa u hsara ghall-benefikati u prodotti agrikoli tal-konvenut.

4. Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni skond il-ligi.

5. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suecceppit, id-danni pretizi mill-attur huma ezagerati u ma jirriflettux l-ammont ta' danni reali li fil-fatt soffra l-attur fl-incident in kwistjoni.

6. Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjes kontra l-attur.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li kien ghall-habta tal-1 ta' Awissu, 2004 meta siehbu Leli Ciappara kien cempillu u staqsieh jekk kienx haraq xi sigar fl-ghalqa tieghu, u peress li qallu li ma kienx minnu, staqsih biex jinzel sal-ghalqa tieghu, li fil-

fatt hekk ghamel u hemm sab tlett (3) sigar li kienu ghadhom qed idahhnu.

Meta mar sab ukoll *tyre* kbir tat-trakkijiet li kien jinstab taht wahda mis-sigar. Kien juza' dan it-*tyre* ghall-giebja biex iwelldu l-hut.

Is-sigar li gew mahruqin kienu wahda tac-cipress, wahda tal-eukaliptus, kif ukoll sigra tal-frott tal-ghajnbaqar.

Meta l-attur mar jaghmel rapport, kien qallhom li kellu suspett li kien il-konvenut. Fit-8 ta' Ottubru, 2004 kien cempel lill-Ispettur Jesmond Borg mill-Ghassa ta' Haz Zebbug u infurmah li Nardu Schembri kien ammetta li kien haraq is-sigar.

L-attur jispjega ukoll li peress li kien ighix il-Kanada, kien imdorri ihobb is-sigar u ghal bidu meta kien akkwista din l-ghalqa, il-konvenut kien haseb li kien bidwi u kien serrah mohhu meta sar jaf li ma kienx.

Il-konvenut kien darba selfu kwantita' ta' ilma, daqs ta' giebja, u dan kien ghall-habta ta' Mejju, 2002, izda meta qal lill-konvenut biex itih dan l-ilma lura, dejjem kien jirrifjuta u ried flus minflok u kien ghalhekk illi baghtlu cekk ta' mitt lira Maltin (Lm100), u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). Dan kien fl-10 ta' Lulju, 2004.

Wara dan kien li l-konvenut beda jilmenta li s-sigar tal-frott, li b'kollox kienu madwar sitta (6), kienu qed jikkagunawlu hsara. Pero', l-attur jispjega illi dawn is-sigar kienu ilhom hemm, anke qabel ma akkwista l-ghalqa u ghalhekk issugerixxa illi l-konvenut ihawwillu sigar tal-frott u malli jaqbdu l-gheruq u jibdew jaghmlu l-frott, kienu jnehhu s-sigar tal-frott antiki.

Ukoll l-attur kien jinsisti li fil-kaz li l-konvenut jaccetta dina l-proposta, dan tal-ahhar kien ser ikollu r-responsabbilita' li jmur isaqqi u jiehu hsiebhom sakemm jaghmlu l-frott. Il-konvenut pero' kien irrifjuta din il-proposta.

Ra x-xhieda ta' Emmanuel Ciappara li jispjega li hu ghandu ghelieqi hdejn l-attur. Ighid li kien ghall-habta tal-1 ta' Awissu, 2004 meta kien tela' l-ghalqa u nnota li kien hemm sigar fir-raba' ta' l-attur li kienu qed jinharqu, u peress li dakinhar l-attur ma telax, malli wasal id-dar ikkomunika mieghu u ftehmu li jitilghu flimkien.

Irrizulta li s-sigar kienu nghataw in-nar u peress meta tela' kien wahdu u ma' kien hemm hadd fl-ghalqa tal-attur, ma setax ighid min seta' haraqhom.

Kien hemm zewg (2) sigar li nqerdu ghal kollox u dawn kienu xi zewg (2) piedi mill-hajt u s-sigra l-ohra kienet aktar lil hemm.

Ra x-xhieda ta' l-Ispettur Jesmond J. Borg li jghid li kien fil-31 ta' Lulju, 2004 li PS238 Michael Carter kien ircieva rapport li l-konvenut kien ikkaguna hsarat lill-attur fl-ghelieqi tieghu fl-inhawi tas-Siggiewi. Kien ukoll ircieva rcevuta ta' erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440), u cioe' ekwivalenti ghal elf u erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmi (€1,024.92), bhala l-ammont tal-hsarat.

L-Ispettur jispjega li dak iz-zmien hu ma kienx ghadu Spettur, pero' kien hu stess li kien hareg l-akkuzi kontra l-konvenut ta' hsara volontarja u l-kumpilazzjoni kienet ghadha ghaddejja.

Ra x-xhieda ta' PS238 Michael Carter li jispjega li kien ghal habta tat-2 ta' Awissu, 2004 meta kien mar jaghmel rapport li kienu harqulu zewg (2) sigar, wahda tac-cipress u l-ohra tal-ewkaliptu fl-ghelieqi tieghu. Kien qallu b'certezza li kien l-

konvenut li kien haraqhom, ghaliex qabel kien hemm kwistjoni ghaliex il-konvenut kien qed jinsisti li peress l-ghelieqi taghhom kienu jmissu ma' xulxin, l-gheruq ta' dawn is-sigar kienu kbar wisq u kienu qed jikkaguna hafna hsara fl-ucuh tar-raba'.

Is-Surgent ighid li kien ghalhekk li kien baghat ghal Schembri, li ma nnegax li kien ta n-nar lis-sigar, izda li kien ghamel dan wara li ottjena l-kunsens minghand l-attur. Zied ighid ukoll li l-konvenut kien qal li kien ilu jinsisti ma' l-attur sabiex jaraw x'kienu ser jaghmlu b'dawn is-sigar u peress li mbaghad kien qallu li kellu jara ser jaghmel hu, qabbad u taghhom in-nar.

L-attur innega li kien gara dan kollu, cioe' li kien b'xi mod ftiehem kif jallega l-konvenut.

Ra x-xhieda ta' Antoine Zammit, Direttur ta' Zammit Nurseries Limited, li jikkonferma li l-istima ta' zewg (2) sigar li gew mahruqa, kien jammonta ghal erba' mija u erbghin lira Maltin (Lm440), u cioe' ekwivalenti ghal elf u erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€1,024.92), u din l-istima kienet giet mitluba mill-attur, u l-istess ammont kien jinkludi wkoll il-konsenja u thawwil ta' dawn is-sigar. Jista' jkun hemm varjazzjoni fl-ammont, pero' mhux in kwantu jirrigwarda s-sigra tac-cipress.

Ra x-xhieda tal-konvenut li jikkonferma li hu jahdem bhala bidwi *full time* u li kellu l-ghalqa tieghu, f'livell oghla minn dik tal-attur, u ghalhekk l-ghalqa tieghu kienet izomm b'hajt.

Ighid li ghal bidu kellu relazzjonijiet tajbin mal-attur, izda l-inkwiet beda ghal habta tas-sena 2002, u dan meta Spiteri ried ihaffer *borehole* biex minnha itella' l-ilma ghat-tisqija u kien talbu ammont ta' ilma u kien accetta. Il-ftehim kien li meta l-konvenut kellu bzonn l-ilma, l-attur kellu

jaghtih lura l-istess ammont ta’ ilma li jkun tah. Ma kienx hemm ftehim kif kellu jtella’ dan l-ilma u fl-ahhar l-attur kien tah cekk fl-ammont ta’ mitt lira Maltin (Lm100), u cioe’ ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), u l-kwistjoni kienet waqfet hemmhekk.

Kien hemm kwistjoni ohra li qamet ghal habta tas-sena 2004, u dan meta l-attur kellu numru ta’ sigar li kienu mhawwla mal-hajt li jaqsam l-ghalqa tal-attur minn mal-konvenut. Ighid ukoll li kien jaf bhala fatt li dawn is-sigar ma kienux mhawwla skond il-ligi, u cioe’ ma kienitx inzammet id-distanza li tikkontempla l-ligi minn mal-hajt.

Ighid li l-problema kienet li, minhabba dawn is-sigar kellhom gheruq kbar u kienu qed jidhlu fir-raba’ tal-konvenut, il-prodotti li kien qed ihawwel ma kienux qed jikbru kif suppost ghaliex l-istess sigar kienu qed jixorbu l-ilma li kien qed isaqqi bih.

Fil-presenza ta’ Hugh Seychell, ighid li Spiteri kien qallu li dwar il-kwistjoni tas-sigar, jekk ried seta’ “bixxhom, ahraqhom, eqridhom”! Ghalhekk kien mar fl-ghalqa u qabbad *tyre* u haraq lil dawn is-sigar.

Kienu baghtu ghalih il-Pulizija u kien sorpriz ghaliex hass li ma kien ghamel xejn hazin u kien ghamel dak li kien qallu biex jaghmel l-attur.

Ighid ukoll li l-attur kien issuggerilu li jhawwel sigar ohra u meta dawn jikbru jnehhi s-sigar in kwistjoni, izda hu hass li dan ma kienx gust.

Schembri jikkonferma li l-ammont li kien qed jippretendi Spiteri kien ezagerat u lanqas kien jaqbel li s-sigra tac-cipress kellha madwar erbghin (40) sena.

Wara li kien tahom in-nar, ighid li wahda qed terga' tiehu l-hajja u l-ohra ghada fl-istat li kienet wara l-hruq.

Jispjega li bejn l-ghalqa tieghu u dik ta' Spiteri kien hemm zewg piedi u nofs 'l isfel mill-hajt tal-konfini . Ighid ukoll li l-gheruq tas-sigar, li jappartjenu lill-attur, jinstabu gol-gheruq tieghu. Ma kienx hemm differenza ta' xi sitt (6) piedi.

Is-sigar imbaghad kienu lanqas biss pied 'il boghod mill-hitan divizorji.

Ighid li l-attur ma kienx qallu jahraqhom, izda kien qallu biex jaghmel li jrid bihom u kien ghalhekk li kien iddecieda biex jahraqhom. Dakinhar kien hemm Hugh Seychell prezenti. Kien taht l-impressjoni li kien hemm ftehim.

Ra x-xhieda ta' Hugh Seychell, li huwa haten il-konvenut, u jikkonferma li kien prezenti fl-ghalqa meta l-attur u l-konvenut kienu ltaqghu sabiex jitkellmu fuq dawn is-sigar, u kien l-istess attur li kien qallu li seta' jqaccathom jew inkella jahraqhom.

Jikkonferma li l-ilment tal-konvenut kien li l-gheruq ta' dawn is-sigar kienu jinsabu vicin wisq ghal hajt tal-konvenut, u qal li dawn kienu qed jikkagunaw hafna hsara fil-prodott.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija li hu ma kkagunax hsara lis-sigar tal-attur.

Kemm l-attur u l-konvenut huma proprjetarji ta' ghelieqi, wahda sovrastanti ghal ohra. Mal-hajt divizjorju jirrizulta li kien hemm xi sigar antiki li kienu jappartjenu lill-attur.

L-ilment u l-kwistjoni mertu tal-vertenza odjerna huwa li dawn is-sigar kellhom gheruq kbar li sahansitra kienu qed jidhlu fil-proprjeta' tal-konvenut u jimpedixxu li l-frott u l-prodotti l-ohra jikbru bhal l-ucuh tar-raba' l-ohra. Fuq dan ma jirrizultax li hemm xi kontestazzjoni.

Il-kontestazzjoni hija, li da parti tal-attur, kien hemm suggeriment li l-ewwel jigu mhawwla sigar ohra u malli dawn jibdew irendu l-frott inehhi dawn is-sigar li fuqhom kien hemm id-dizgwid.

Il-konvenut da parti tieghu jichad li kien hemm dan id-diskors, izda li l-attur kien qallu “bixxhom, ahraqhom, eqridhom”, u kien ghalhekk li qabad u haraqhom.

Ghalhekk, jekk il-verzjoni tal-konvenut kellha tigi interpretata bhala dik l-aktar kredibbli, ma jistax jinghad li ma kienx hemm hsara kkagunata lill-attur ghaliex fi kwalunkwe kaz, sar minghajr avviz, u ugwalement l-attur ser ikollu jidhol fl-ispejjes sabiex inehhi dawn is-sigar hekk mahruqa.

It-Tribunal jikkunsidra li dizgwid bejn l-attur u l-konvenut kien hemm, u kkonferma ta’ dan huwa Hugh Seychell, li huwa relatat mal-konvenut. L-istess Seychell jkkonferma li kien hemm l-attur li kien awtorizza lill-konvenut biex jahraq jew iqaccat dawn is-sigar. Jista’ jaghti l-kaz, li dan id-diskors tal-attur kien wiehed impulsiv fis-sahna tal-mument u kien il-konvenut li hatfu fil-kelma. Izda t-Tribunal mhux konvint bl-ebda mod li l-attur awtorizza lill-konvenut biex jahraq is-sigar u l-konvenut approfitta ruhu u abbuza mill-attur.

Ghaldaqstant, jekk il-konvenut hass li kellu d-dritt biex jahraq jew iqaccat dawn is-sigar, seta’ kellu d-decenza li jinforma lill-attur meta kien ser jahraq dawn is-sigar, ghaliex qabad u ha pussess ta’ hwejjeg haddiehor, pero’ mhux kompletament *in*

*mala fede,* u f’dan is-sens ikkaguna hsara ghaliex sabiex jitnehhew dawn is-sigar, dahhal lill-attur fi spejjes ghal kapricc tieghu.

Dwar it-tieni eccezzjoni, li l-konvenut kien gie awtorizzat li jahraq dawn is-sigar, it-Tribunal diga’ kkummenta kif probabilment graw il-fatti u li waqt id-dizgwid, kien qallu li seta’ jahraqhom jew iqaccathom u l-konvenut hataf l-okkazzjoni biex jaghmel dak li xtaq u cioe’ jeqred ghal kollox dawn is-sigar sabiex l-ucuh tieghu jiehdu r-ruh. L-attur probabilment qatt ma emmen li l-konvenut kien ser jasal sabiex jaghmel dak li ghamel, pero’ fl-istess waqt, it-Tribunal jemmen li ma messu qatt sfida lill-konvenut ghal dak li ghamel u sa certu punt ghandu jbati parti mit-tort.

Dwar it-tielet eccezzjoni, it-Tribunal ma jhossx li ghandu jidhol fil-mertu tieghu, stante li jekk id-distanza ta’ dawn is-sigar kienetx legali jew le mhux fattur determinati ghar-responsabblita *o meno* tal-konvenut. Huwa minnu li jekk ma nzammitx din id-distanza per konsegwenza, il-konvenut kien qed ikollu problemi biex jikkoltiva l-frott u r-raba’ tieghu minhabba l-gheruq ta’ dawn is-sigar, izda l-kontestazzjoni hija jekk il-konvenut agixxiex *in bona fede* jew le, meta effettivament kien hemm dizgwid fuq it-tnehhija ta’ dawn is-sigar li wara kollox kienu ilhom hemm ghal zmien twil.

L-ahhar zewg (2) eccezzjonijiet l-ohra jirrigwardaw, li l-konvenut ghandu jgib prova tad-danni pretizi, kif ukoll li dawn id-danni kif pretizi huma esagerati.

It-Tribunal ma jaqbilx mal-konvenut ghaliex l-attur ipprezenta stima tad-danni mahruga minn F. Zammit Nurseries, u dan wara rapprezentant tal-istess hanut kien nizel fuq il-post sabiex jara u jaghti indikazzjoni ta’ x’danni gew ikkagunati lill-attur bil-hruq ta’ dawn is-sigar. Id-danni gew stmati fl-ammont ta’ erba’ mija u erbghin lira Maltin

(Lm440), u cioe' ekwivalenti ghal elf u erbgha u ghoxrin Euro u tnejn u disghin centezmu (€1,024.92), u dan mhux biss sabiex jigi sostitwiti u mhawwla sigar ohra, izda anke danni sabiex jitnehhew u jingarru ghar-rimi u biex jigu kkonsenjati ohrajn.

Il-konvenut jinsisti ukoll li dawn id-danni huma esagerati, pero' ma gabx provi li setghu jindikaw u jikkonvincu lil dan it-Tribunal li l-ammont indikat minn F. Zammit Nurseries ma kienx jirrifletti r-realta'. Dana qed jinghad mhux ghax il-konvenut ghandu l-oneru tal-prova, izda kien jehtieglu almenu jispjega it-tezi tieghu. Minflok, mhux biss ma gabx provi fuq hekk, anzi meta tela' rapprezentant tal-istess Zammit Nurseries ma pprovax jikkontradicih jew gab xi stima ohra minghand xi hadd kompetenti fil-materja.

Wara li t-Tribunal issottolinea dan kollu, ihoss li la darba kien hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet fuq il-kwistjoni ta' dawn is-sigar u minhabba li r-relazzjonijiet taghhom per konsegwenza ma kienux mill-ahjar, il-verzjoni l-aktar verosimili hija li l-attur x'aktarx, fir-rabja tal-mument, qal lill-konvenut li seta' jaghmel li jrid. Pero' ma hemmx dubbju li dan kien diskors li sar f'mument ta' rabja u l-konvenut ma kellu ebda dritt japprofitta ruhu minnu u jikkawza danni lill-attur.

Il-konvenut pero', da parti tieghu, ha s-sitwazzjoni taht idejh u haraq ghal kollox dawn iz-zewg sigar tac-cipress u l-ohra tal-ewkaliptu u xi hsara f'xi sigra tal-ghanbaqar, bl-iskuza li l-attur kien qal dak id-diskors. Sa certu punt, jista' jinghad li l-konvenut ma agixxiex *in mala fede*, pero' fl-ebda hin ma irrizulta li kien avza lill-attur x'kien bi hsiebu jaghmel ghalkemm suppost kien ghamel suggeriment f'dan is-sens, l-attur stess. Fil-fatt, l-attur sar jaf minghand terza persuna li kellu ghalqa fil-vicinanzi bil-hruq, tant u hekk li wara li mar l-ghalqa tieghu, baqa' sejjer ghand il-Pulizija u

> bla dubbju ta' xejn akkuza lill-konvenut bhala l-uniku suspett tieghu.
>
> Jidher ghalhekk li kien hemm kwistjoni vera bejn il-partijiet fuq dawn is-sigar, pero' minn apprezzament tal-fatti, it-Tribunal ihoss li *in parte* l-konvenut kien ikkontribwixxa ghal dawn il-hsarat fil-konfront tal-attur, filwaqt li l-istess attur qatt ma messu sfida lill-konvenut biex jahraq dawn is-sigar, haga li l-konvenut accetta ghaliex kien jaf li kien kapaci li jeghlibha.
>
> Ghaldaqstant, it-Tribunal ihoss li ghalkemm r-responsabbilita' tal-hsarat hija principalment attribwibbli lill-konvenut, hemm element ta' kontributorjeta' da parti tal-attur li t-Tribunal qed jistma f'percentagg ta' terza parti.
>
> Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici *in parte* u jordna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€683.28), ekwivalenti ghal mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm293.33).
>
> Spejjes bejn il-partijiet skond ir-rispettiv rebh u telf."

L-aggravju tal-konvenut fil-kontestazzjoni minnu ta' din is-sentenza hu dak li t-Tribunal mar kontra d-dettami ta' l-ekwita` skond il-ligi. In sostanza, huwa jikkontendi illi la agixxa fuq diskors l-attur u ma kienx in mala fede, it-Tribunbal ma kellux jaddossa fuqu ebda responsabilita` ghal dak li sehh;

L-azzjoni ta' l-attur kif impostata minnu quddiem it-Tribunal hi wahda ghar-rizarciment ta' danni f'sigar li kellu fl-ghalqa tieghu u li gew dolozament incendjati mill-konvenut. Dawn is-sigar kienu mhawla taht il-hajt li jifred l-ghelieqi rispettivi tal-kontendenti. Skond il-konvenut is-

sigar ma kienux jinsabu f'distanza legali u, dippju, l-gheruq taghhom kienu dahlu fir-raba' tieghu b'mod li kienu qed ifixklu l-kultivazzjoni tal-prodotti tieghu;

Ghall-mument il-Qorti ser tissofferma fuq din l-ahhar osservazzjoni kif tinzel mill-allegazzjoni tal-konvenut appellant biex taghmel ir-riflessjonijiet li gejjin:-

(1) F'materja ta' thawwil ta' sigar hu provvdut mill-Artikolu 437 (1) tal-Kodici Civili illi dawn ghandhom ikunu f'distanza ta' zewg metri u erbghin centimetru fil-kaz ta' sigar ta' zokk gholi u metru u ghoxrin centimetru fil-kaz ta' sigar ohra, mil-linja li taqsam iz-zewg fondi;

(2) L-istess disposizzjoni tipprovdi wkoll fis-subinciz (3) taghha illi, sakemm ma jkunx ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni, il-vicin jista' jesigi li s-sigar, ippjantati f'distanza inferjuri jew, nonostante l-osservanza tad-distanza, jkunu qed jarrekawlu danni, jigu zradikati bi spejjez ta' sid il-fond. Ara a propozitu "**Giovanni Bezzina -vs- Can. Dec. Sac. Gio. Carlo Borg Olivier**", Qorti Civili, Prim' Awla, 3 ta' Mejju, 1884;

(3) Barra minn dan il-ligi, ex-Artikolu 438(2) Kodici Civili, tawtorizza lill-gar li jaqta` l-gheruq li jinoltraw ruhhom fl-ghalqa tieghu u jikkagonawlu hsarat. Dritt bhal dan lanqas ma jintilef bl-ebda preskrizzjoni. Ara "**Giuseppe Chetcuti -vs- Baruni Peter Paul Testaferrata Moroni Viani**", Qorti Civili, Prim' Awla, 19 ta' Gunju, 1947;

Minn dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt jinzel illi l-ligi kienet turi t-triq kif wiehed kellu jagixxi. Jigifieri, (i) li jgieghel lill-vicin jizvella s-sigar li ma jkunux f'distanza regolamentari jew ghaliex ikunu qed jikkagonaw hsarat, (ii) li jaqta` l-gheruq, u (iii) li jfittex ghad-danni talvolta kkagonati;

Ipprecizat dan, "*è anche certo che non è lecito trarre vantaggio dal proprio dolo*" ("**Comm. Carlo Bonett -vs- Comm. Giovanni Bonello**", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Dicembru, 1883). Naturalment, is-sussistenza tad-dolo tiddependi mill-valutazzjoni tal-fatti, ic-cirkostanzi u l-presunzjonijiet bastanti li jinducu l-konvinzjoni f'min hu msejjah biex jiggudika;

Skond ir-regola generali traccjata fl-Artikolu 532 tal-Kodici Civili, id-dimostrazzjoni tal-mala fede tispetta dejjem lil min jallegaha. Prova bhal din tista' tintlahaq sew mill-konfessjoni tad-danneggjant, sew ukoll minn certi cirkostanzi li minnhom wiehed kapaci jiddezumi l-previzjoni ta' certu event lesiv. F'dan is-sens hu bizzejjed li l-mala fede tirrizulta mill-prova ta' dawk il-fatti esterjuri manifestanti l-intenzjoni doluza fid-danneggjant. Jibqa' dejjem li l-mala fede hi eskluza jekk tkun tonqos, minhabba zball ta' fatt jew ghal xi raguni ohra accertata, il-konsapevolezza u l-volonta` tal-fatt materjali dannuz bil-konsegwenzi ekonomici tieghu fuq il-patrimonju tad-danneggjat;

Din l-introduzzjoni qasira fuq il-punt ta' dritt isservi b'ingress ghall-ezami tal-fatti involuti fil-kaz prezenti;

Fil-versjoni ta' l-attur l-hruq tas-sigar tieghu da parti tal-konvenut kien jirrapprezenta kondotta doluza anke ghaliex hu qatt ma ssuggerixxa li s-sigar jinharqu (ara xhieda tieghu in kontro-ezami a fol. 64). Huwa, anzi, jissottometti li kien il-konvenut li qallu li jezistu mezzi kif is-sigar jinqerdu (ara Affidavit tieghu a fol. 12). Bl-invers, skond il-versjoni ta' l-appellanti, korroborat mix-xhud Hugh Seychell (fol. 58), kien proprju l-attur li tah il-kunsens li seta' jahraq is-sigar jew iqaccathom. Ara Affidavit tal-konvenut a fol. 43. Ta' min jirrileva wkoll bhala element ta' fatt illi, dejjem fil-versjoni tal-konvenut in kontro-ezami (fol. 53) meta gie biex jincendja s-sigar huwa ma hassx il-htiega li jkun prezenti l-attur, tant ghaliex dan kien tah il-kunsens tieghu biex jahraqhom, tant ghaliex hu kien taht l-

impressjoni li kien hemm ftehim u l-affarijiet kienu ser jitrangaw “ghax kont ili nitlef mir-raba’” (fol. 54);

Premessi dawn il-versjonijiet, ghandu jinghad illi fil-kazijiet fejn gudikant irid jipprocedi in via ekwitativa l-modalita` tal-kondotta tassumi rwol primarju. Mill-elementi forniti mill-attur u mill-kontro-indikazzjonijiet offerti mill-konvenut, ma jistax jinghad fil-kaz prezenti illi l-kondotta tal-konvenut appellant kienet tigbed l-ispirazzjoni taghha minn xi volonta` ta’ mala fede. F’dan is-sens il-gudizzju tat-Tribunal kien wiehed ghal kollox korrett. Effettivament, it-Tribunal ma kkastigax lill-appellanti ghal dan imma ghall-motiv illi dan, bla ebda preavviz, ghadda ghall-pussess ta’ fatt fuq is-sigar appartenenti lill-attur u qeridhom. Akkoppjat ma’ dan jinzel ukoll mis-sentenza appellata r-ragonament illi l-istess Tribunal ma hassux ghal kollox konvint illi l-attur awtorizza l-hruq tas-sigar, u li dak li sehh x’aktarx sar biex l-appellanti jikseb il-vantagg persegwit minnu illi l-gheruq ta’ l-istess sigar ma jkomplux ifixkluh fil-produzzjoni ta’ l-ucuh fir-raba’ tieghu;

Dejjem bil-metru tad-dritt ekwitattiv din il-Qorti ma tarax illi c-censura ta’ inkonsistenza rivolta mill-appellanti fil-konfront tad-decizjoni appellata hi gustifikata. L-impressjoni li seta’ kellu l-appellanti minn diskors l-attur illi kien intlahaq xi forma ta’ ftehim ma kellhiex titraduci ruhha billi, habta u sabta, u bla ebda preavviz jghaddi ghad-distruzzjoni tas-sigar ghaliex, l-ewwelnett, “*l’albero apparteneva al proprietario del terreno nel quale sorge il tronco, benche le radici e i rami si estendono nel terreno del vicino*” (“**La Polizia -vs- Giuseppa Fenech *et***”, Appell Kriminali, 22 ta’ Ottubru, 1921) u, fil-tieni lok, fakolta koncessa ghandha dejjem *in se* implicita l-kondizzjoni li tibqa’ subordinata ghall-ezercizzju tad-dritt fil-kompletezza kollu tieghu. Kompriz allura l-ghoti ta’ preavviz ragonevoli u f’waqtu ta’ l-imgieba li tkun ser tigi prosegwita.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------